MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-22 ta' April, 2010

Numru. 156/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**George Victor Vella bin Anthony u Grazia nee' Mizzi, imwieled fis-27 ta' Frar, 1962 u residenti 60, Marija Bambina, Triq ta' Said, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 14562(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi George Victor Vella li gie akkuzat talli nhar it-12 ta' Frar, 2010, ghal habta ta' 11:35hrs fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, saq vettura IBJ 912;

1) Bla kont, b'manjiera perikoluza u b'manjiera traskurata;
2) Daqq il-horn jew xi mezz iehor ta' twissija bla bzonn;
3) Waqt li kien riesaq lejn il-Pedestrian Crossing naqas li jnaqqas l-ispeed u jieqaf waqt li kienet qed tigi uzata mill-pubbliku;
4) Minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-seat belt;
5) U aktar talli naqas li jobdi l-ordinijiet legittimi moghtija lilu minn PS 715 Lucian Gatt ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku waqt li l-qadi ta' dmirijietu;
6) U talli ukoll sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija l-imputat jigi skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli u cioe' l-Artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 338 (ee) tal-Kodici Kriminali u r-Regolamenti 89 (1) u 96 (2) Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12;

Ikkunsidrat;

Billi l-akkuzi kollha jirrizultaw ippruvati ghajr ghall-ahhar akkuza, filwaqt li tillibera lill-imputat mis-sitt (6) akkuza, issibu hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi u tikkundannah multa ta' mitt ewro (€100) li ghandha tithallas f'rati mensili ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) bl-ewwel pagament dovut sal-1 ta' Mejju, 2010;

Inoltre tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------